MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 881/2011

**GO p.l.c.**

**vs**

**Ignatius Borg [ID. Nru. 751347(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fil-11 ta' Ottubru, 2011** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf mija sebgha u erbghin euro u disgha u tmenin centezmi ta' euro [€1,147.89] u dan wara li ppremettiet hekk:

“Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, mija u sebgha u erbghin ewro u disgha u tmenin centezmi (€1,147.89) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C40096113 moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u skont l-

annessi dokumenti Dok IZY1 u Dok IZY2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra li fis-seduta tat-23 ta’ Marzu, 2012 deher l-intimat assistit mid-difensur tieghu Dottor Deborah Schemrbi fejn iddikjara li huwa ghandu jaghti biss s-somma ta’ €952.23 mill-ammont mitlub.

L-istess intimat f’dik is-seduta ddikjara li huwa qieghed jikkontesta l-bilanc peress li d-*decoders* kienu gew ritornati lis-socjeta rikorrenti kif ukoll kien qieghed jikkontesta l-ispejjez tal-proceduri odjerni peress li huwa qatt ma gie notifikat b’xi dokument mis-socjeta rikorrenti li permezz tieghu huwa ntalab ihallas tali ammont.

Ra li fis-seduta tat-22 ta’ Gunju, 2012 deher l-intimat flimkien mad-difensur tieghu Dottor Deborah Schembri li ddikjarat ghan-nom ta’ l-intimat li huwa hallas l-ammont ta’ disa mija u hamsin euro (€950) li huwa ekwivalenti ghall-ammont mhux kontestat.

Ra li fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru, 2012 Dottor Ingrid Zammit Young ghas-socjeta rikorrenti ddikjarat li l-ammont li ghandha tigbor is-socjeta rikorrenti bhala sorte minghand l-intimat huwa ta’ mija u sebgha u disghin euro u disgha u tmenin centezmi ta’ euro (€197.89), oltre l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar l-24 ta’ Ottubru, 2012 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ mija u sebgha u disghin euro u disgha u tmenin centezmi ta’ euro [€197.89], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------